ANNUAL EXAMINATION 2005 Skejjel Sekondarji
Educational Assessment Unit – Education Division

FORM **3** STORJA Ħin: siegħa u 45min

# Id-difiża tal-Gżejjer Maltin fi Żmien il-Kavallieri:

**A**: **Wieġeb billi tikteb VERU jew FALZ**:

1. Wara l-Assedju l-Kbir il-Forti Sant Jiermu ġie rranġat u msaħħaħ. __________
2. Il-Forti Manoel inbena biex tissaħħaħ il-Belt Valletta min-naħa ta' l-Isla. __________
3. Is-swar tal-Furjana nbnew biex tissaħħaħ il-Belt min-naħa ta' l-art. __________
4. Il-Forti Ricasoli nbena qabel tlestiet il-Belt. __________
5. Il-Forti San Luċjan inbena biex iħares il-bajja ta' Marsaxlokk u l-villaġġi ta' qrib il-bajja. __________
6. De Redin bena 13-il torri ta' l-għassa u ħallas għalihom minn butu. __________
7. Il-Cottonera Lines jagħlqu ġo fihom l-Isla, il-Birgu u Bormla. __________
8. Il-Forti San Tumas inbena minn Wignacourt biex iħares Wied il-Għajn. __________
9. Il-Firenzuola Lines nbnew b'ġebel żonqri miġjub minn Firenze l-Italja. __________
10. Il-Kavallieri dawru l-Imdina bis-swar fl-1600. __________

(1 x 10 = 10 marki)

**B**: **Ħares lejn il-mappa tal-Gżejjer Maltin**:




**WIEĠEB skond il-mappa**: Dawn il-fortifikazzjonijiet li se nsemmu, kollha ġew mibnija jew irranġati mill-Kavallieri. Fejn tpoġġihom fil-mappa, f'kaxxa **A**, **B** jew **C**? Waħda minnhom mogħtija bħala eżempju.

| FORTIFIKAZZJONI | Kaxxa | FORTIFIKAZZJONI | Kaxxa |
|---|---|---|---|
| Torri Sta Marija | | Forti Sant Jiermu | |
| Forti San Luċjan | | Iċ-Ċittadella | |
| Forti Chambray | | Il-Cottonera Lines | |
| Torri l-Aħmar | **A** | Torri Wignacourt | |

(7 marki)

**C**: **Immarka t-tajbin bis-sinjal X**: (F'kull mistoqsija hemm tnejn tajba)

1. Meta Wignacourt bena l-Forti San Tumas qrib il-bajja ta' Wied il-Għajn:
   - Il-Franċiżi iddeċidew li jattakkaw lil Malta ______________
   - Il-bdiewa taż-Żejtun serrħu iktar moħħhom ______________
   - Il-Maltin sabu iktar xogħol ______________
   - It-tfal Maltin kellhom iktar fejn jilagħbu ______________

2. Meta Cottoner bena l-Cottonera Lines:
   - Kellhom jiżdiedu t-taxxi ______________
   - L-għelieqi bdew jagħtu iktar frott ______________
   - Il-Maltin kellhom jemigraw ______________
   - In-nies ta' Bormla serrħu iktar moħħhom ______________

(2marki x 2 = 4 marki)

---

# Il-Bini tal-Belt Valletta

**D**: **Aqra**: *L-Assedju l-Kbir spiċċa fit-8 ta' Settembru 1565. L-ewwel ġebla tal-Belt Kapitali l-Ġdida tqiegħdet fit-28 ta' Marzu 1566.*

**Wieġeb wara li tara l-istampi ta' paġna 3**:

1. Kemm għadda żmien mit-tmiem ta' l-Assedju sat-tqegħid ta' l-ewwel ġebla tal-Belt?
   ______________________________________________ (1)

2. Kif taħseb li kienet Malta wara l-Assedju l-Kbir? ______________________ (1)

3. Xi stampi juruna li l-Kavallieri riedu jibnu Belt mill-isbaħ.
   Semmi waħda minnhom: ______________________________ (1)

4. Semmi għajnuna waħda li rċevew il-Kavallieri biex ikunu jistgħu iwettqu l-proġett tal-bini ta' Belt Kapitali Ġdida mill-aqwa u mill-isbaħ: ______________ (1)

5. Il-Kavallieri riedu li jkunu jistgħu jiddefendu l-Belt sew. Liema stampa turik dan?
   ______________________________ (1)

6. Stampa Numru 3 turi bini fil-Belt li għadu importanti ħafna sal-lum: IL-PALAZZ.
   Semmi użu wieħed li għandu llum: ______________________ (1)

7. Kieku kont baqqunier, liema proġett minn ta' l-istampi kien iġiblek l-iktar xogħol?
________________________________________________________________ (1)

8. Kif taħseb li l-bini li qed tara fl-istampi, sewa ta' ġid għall-Maltin?
________________________________________________________________ (1)

9. Għaliex għandna nieħdu ħsieb il-Belt? ____________________________________ (1)

(marka 1 x 9 = 9 marki)

{Stampi mill-Belt Valletta kif tidher illum}



Stampa **1**:



Stampa **2**:



Stampa **3**:

**Xeni mill-Belt Valletta**



Stampa **4**:



Stampa **5**:

**E: KEMM TAF DWAR IL-BINI TAL-KAVALLIERI?**

**Qabbel billi tikteb numru fil-kaxxi l-vojta:**

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1 | Franġisku Lapparelli | Post fejn jiddaħħlu x-xwieni waqt xi attakk | |
| 2 | Ġlormu Cassar | Fetaħ it-tielet bieb tal-Belt | |
| 3 | Manderaggio | Għamel il-pjanti tas-swar tal-Belt | |
| 4 | La Valette | Għolja li fuqha nbniet il-Belt Valletta | |
| 5 | Del Monte | Għamel il-pjanti tal-bereġ tal-Belt | |
| 6 | Patakka | It-Triq Prinċipali tal-Belt fi Żmien il-Kavallieri | |
| 7 | Sacra Infermeria | Il-Belt Kapitali Ġdida issemmiet għalih | |
| 8 | De Verdalle | l-isptar prinċipali ta' l-Ordni | |
| 9 | Xebb ir-Ras | Biċċa flus tar-ram | |
| 10 | Strada San Giorgio | Bena palazz iffortifikat fil-Buskett | |

(10 marki)

**F: Ħares lejn l-istampa u aqra dan li ġej:**

Il-Granmastru La Cassiere bena minn butu l-Knisja ta' San Ġwann fil-Belt. Għall-Kavallieri, din kienet il-Knisja Konventwali, jiġifieri l-Knisja ta' l-Ordni. Illum insejħulha l-Konkatidral. Il-Katidral ta' Malta huwa dak ta' l-Imdina. Bosta artisti tqabbdu mill-Kavallieri biex jaħdmu fuq il-Knisja ta' San Ġwann:



**Wieġeb:**

1. Min għamel il-pjanti tagħha?

_______________________________ (1)

2. Min pitter is-saqaf ta' San Ġwann?

_______________________________ (1)

3. Min pitter il-kwadru tal-Qtugħ ir-Ras ta' San Ġwann li hemm fl-Oratorju maġenb l-istess knisja?

_______________________________ (1)

4. Semmi mod wieħed kif għandna nieħdu ħsieb il-Konkatidral illum.

_______________________________ (1)

5. Għaliex m'għandniex nittraskuraw il-Konkatidral?

_______________________________ (1)

( total = 5 marki)

**G:** **<u>Ħares lejn l-istampa u aqra dan li ġej</u>**: silta meħuda mis-"Sunday Times" 6.03.2005.



"*…………….huwa ikkalkulat li madwar 850 kilometru ta' wires ġew imneħħija minn mal-ħitan tal-Belt Valletta mill-MALTACOM – il- proġett sewa 2 miljun Lira Maltin u wasal biex jintemm. Wires tat-telefon u tar-Rediffusion kerrħu l-bini tal-Belt għal snin twal. Il-proġett beda tliet snin ilu u jitlesta sa xahrejn oħra.*"

**<u>IKKUMMENTA</u>**: (tista' tuża dawn il-mistoqsijiet biex jgħinuk)

- Taqbel li jintefqu 2 miljun Lira Maltin għal proġett bħal dan?
- Taqbel mar-restawr tal-Belt Valletta?
- Min għandu jgħin fir-restawr?
- Proġett bħal dan tal-Maltacom huwa ta' ġid jew ta' ħsara għall-pajjiż? Għid kif.

________________________________________________________________________

________________________________________________________________________

________________________________________________________________________

________________________________________________________________________

________________________________________________________________________

________________________________________________________________________

________________________________________________________________________

________________________________________________________________________

_______________________________________________________________________

(10 marki)

# Tmexxija tal-Kavallieri:

**H:** **<u>Aqta' sing taħt it-tnejn it-tajba</u>**: (l-ewwel waħda mogħtija bħala eżempju)



1. *Żewġ persuni li ħadmu fuq ir-restawr ta' l-Imdina fi Żmien il-Kavallieri*:

   Paris, La Cassiere, <u>Mondion</u>, <u>Vilhena</u>, Dragut.

2. *Bini restawrat jew mibni fl-Imdina fi Żmien il-Kavallieri*:

   Torri ta' l-Istandard, il-Berġa ta' Kastilja,
   Akwedott, Katidral, San Ġwann,

3. *Żewġ persuni li kienu jaħdmu fuq ix-xwieni tal-Kavallieri*:
Argużin, tal-merċa, bidwi, buonavoglie, katapan.

4. *Żewġ persuni li kienu jaħdmu fuq il-bini u t-tiswija tax-xwieni tal-Kavallieri*:
Qalfat, bidwi, skarpan, tal-qlugħ, tabib.

5. *Żewġ personaġġi li baqgħu jissemmew fil-konfoffa ta' l-ilsiera*:
Ġużi Abela, Ġużeppi Cohen, Ġanni Attard, il-Granmastru Pinto, de Verdalle

6. *Żewġ personaġġi marbuta ma' l-irvell tal-qassisin*:
Ferdinand Hompesch, Dun Mario Attard, il-Granmastru Ximenes, Dun Katald Cusburella, Dun Gejtan Mannarino

(2 marki x 5 =10 marki)

**I**: **<u>Aqra imbagħad ikkummenta</u>**: Il-Kavallieri kellhom problema kbira biex iġibu l-ilma fil-Belt Valletta, il-Belt li switilhom tant flus u nkwiet. L-istampa turik kif il-Kavallieri solvew il-problema ta' l-ilma fil-Belt Valletta. Ikteb dwar dak li għamlu l-Kavallieri biex ġabu l-ilma lejn il-Belt. Semmi persuni li baqgħu famużi għas-sehem tagħhom fil-bini tal-proġett li qed tara fl-istampa. Għid kif u għaliex għandna nibżgħu għall-fdalijiet li qed tara fl-istampa.



______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________ (10 marki)

# **Il-Franċiżi f'Malta**:

**J**: **<u>Aqta' sing taħt it-tajba</u>**:

1. L-aħħar Granmastru f'Malta kien (Wignacourt, La Valette, Hompesch).
2. Ir-Rivoluzzjoni Franċiża (faqqret, għamlet iktar sinjur, ma affettwatx) lill-Ordni tal-Kavallieri.
3. Ir-Russja (attakkat, ma kienx jimpurtaha, uriet interess qawwi) fl-Ordni f'Malta.
4. Il-Mexxej tal-Franċiżi li attakkaw lil Malta kien (Napuljun, Alexander Ball, Ferdinandu).
5. Il-Franċiżi keċċew lill-Kavallieri mill-Gżejjer Maltin (fl-1800, fl-1530, fl-1798).
6. Il-Franċiżi riedu jdaħħlu x-xwieni fil-Port il-Kbir bl-iskuża li kellhom bżonn (l-ilma, l-armi, l-ħaxix).
7. Ħafna Kavallieri ta' nisel Franċiż kienu (favur il-Franċiżi, kontra l-Frannċiżi, emigranti Amerikani).
8. Il-Franċiżi (għalqu, fetħu, irrestawraw) diversi kunventi f'Malta.

(marka 1 x 8 = 8 marki)

**K**: **<u>Wieġeb</u>**:

1. Fejn beda l-irvell tal-Maltin kontra l-Franċiżi? ________________________ (1)
2. Fejn ingħalqu għal bosta xhur il-Franċiżi biex jiddefendu ruħhom wara li beda l-irvell? ________________________________________________ (1)
3. Semmi pajjiż barrani li għen lill-Maltin kontra l-Franċiżi: ________________(1)
4. Min kien dak il-qassis li ikkonfoffa kontra l-Franċiżi u ġie ffuċillat? ________________________________________________ (1)
5. Min kien dak il-kittieb Malti, li kien favur il-Franċiżi u baqa' magħruf għax-xogħol tiegħu favur l-ilsien Malti: ________________________________________________ (1)
6. X'jissejjaħ l-assedju li l-Maltin għamlu kontra l-Franċiżi? ________________________________________________ (1)
7. Min beda jmexxi lill-Gżejjer Maltin wara t-tluq tal-Franċiżi? ________________________________________________ (1)

(total = 7 marki)

## Bliet u Rħula:

**L:** **Aqra dan li ġej**: silta minn "Il-Wirt Arkitettoniku tal-Gżejjer Maltin" ta' G.A. Said-Zammit



"*Matul il-perjodu tal-Kavallieri, b'mod speċjali wara l-1565, il-villaġġi ta' Malta u Għawdex żviluppaw kemm f'termini ta' qies, kif ukoll f'termini ta' popolazzjoni. Uħud mill-villaġġi tant kibru li saru bliet. Irridu nsemmu wkoll li uħud minn dawn l-ibliet kienu ngħataw it-Titlu ta' Citta` minħabba raġunijiet ta' mertu……………. Hemm imbagħad dawk l-ibliet li nbnew fi żmien il-Kavallieri stess………..*"

**Wieġeb**:

1. Qabbel it-titlu mal-belt billi tikteb l-ittra fil-vojt. Ara l-eżempju.

| | | | |
|---|---|---|---|
| A | Ħal Qormi | Citta` Beland | |
| B | Ħaż-Żebbuġ | Citta` Pinto | |
| C | Iż-Żejtun | Citta` De Rohan | |
| D | Is-Siġġiewi | Citta` Hompesch | |
| E | Ħaż-Żabbar | Citta` Ferdinand | **D** |

(4 marki)

2. Liema tlieta minn dawn li ġejjin, ġew mibnija fi żmien il-Kavallieri stess?
   (Siġġiewi, Mosta, Paola, Gudja, Senglea, Birkirkara, Mġarr, Marsaxlokk, Furjana)
   (a) ______________________________
   (b) ______________________________
   (c) ______________________________ (3 marki)

3. Liema stil Arkitettoniku użaw il-Kavallieri biex jirrestawraw l-Imdina. (Aqta' sing): (Medjevali, Rinaxximentali, Barokk, Neo-Klassiku) (marka 1)

4. Fi Żmien il-Kavallieri, fejn taħseb li kien jaqbillek tmur tgħix, fil-belt Valletta jew fl-Imdina? Għaliex għażilt hekk?

____________________________________________________________

____________________________________________________________

____________________________________________________________

____________________________________________________________

____________________________________________________________(2 marki)

(total = 10 marki)